KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4


10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 5

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 5 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 26 ta' Settembru 2024, fil-17:30 hrs**.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 11 ta'Ottubru 2024

---

Membri Preżenti:

- Ċensu Galea — Sindku
- Christopher Vella Petroni — Viċi Sindku
- Alfred Grima — Kunsillier
- Alexander Agius — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Sandra Gauci — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Alan Bugeja — Kunsillier
- Clevion Micallef — Kunsillier
- Joseph Matthew Attard — Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino — Kunsillier

Skużata

- Rachel Antoinette Williams — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**5.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera Rachel Antoinette Williams.

**5.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 4**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il- Kunsillier Alfred Grima gidbet attenzjoni dwar L-Imbordin u sostna li is-sena li għaddiet kien sar tiżjin tal-milied għal- ewwel darba. Sindku wieġeb li ma għandux tkun problema li jkun hemm tiżjin hemm ukoll. Il-kunsillier Joseph Matthew Attard saħaq li kien hu li ippropona lil Emelio Lombardi.

Ghall-approvazzjoni pproponiet il-kunsillier Sandra Smart Costantino u approva Chris Vella

Petroni.

**5.3 Punti mill-minuti**

Il-kunsillier Joseph Matthew Attard kellu laqgħa ma 'servizz tal-komunità tal-Qawra u gie diskuss kif il-kunsill jista' jkun ta' servizz teratewtiku għan nies billi jinvestu mhux fl-akwati tal-madwar imma jġħin bhali xi programmi jgħin bħal xi programm ta EU
Sindku fakkar dwar il-laqgħa li trid jsir ma residenti fl-ewwel tlett xhur ta'leġislatura ġdida. Sindku kompla li il-ħsieb huwa li kull kunsillier iħejji programm ta' ħames snin.
Il-kunsillier Chris Vella Petroni preżenta lista ta postijiet fejn għandhom jsiru il-*bring sites* kif tixtieq ERA. Il-postijiet huma: Ta'Fra Ben - Triq il-Port Ruman fejn kienu qabel- Triq il-boxxla-fuq naħa tal-ġenb tal-grawnd ta' Sirens fejn *substatiion* ta'Enemalta –ħdejn l-iskola akwati *sailing club* -Xemxija ħdejn *Fire Station* -Pwales.

Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk il-kunsill preżenti ra x'kien hemm fil-korrispondenza dwar *bringing sites* u x'kien deċiż. Sur Grima qal għalkemm kien favur il *bringing sites* qal wkoll li ERA kien daħħlet ligi mingħajr konsultazzjoni ta xejn u kien ġibdet għal attenzjoni AKL. Il-kunsillier Alfred Grima qal li fil-passat kien hemm problema ta kontaminazzjoni ta skart u madwar is-siti . Sindku qal li jaf żgur li il-kunsill preċedenti kien kontra u *binging sites* u sostna li kunsill jrid jimxi ma regoli il-ġodda li ħarġet ERA.

**5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.4.1 Deċiżjoni fuq mirja

Hemm diversi rikjesti min persuni privati , entitajiet governattivi u oħrajn kummerċjali , madankollu din ħija kwistjoni ta 'sigurtà fit-toroq. Sindku Censu Galea żied li jekk kien hemm *policy* li tgħid x għandu jsir f'dawn ċirkustanzi li ma sabx ebda referenza fil-minuti mil-leġislatura ta 'qabel jew jekk ma kienetx approvata jew le. Sindku Censu Galea kien qed jissuġġerixxi li darba għandna din il-pressjoni wieħed jrid jieħu deċiżjoni u nzommu f'moħħna is-sigurtà ta nies. Il--kunsillier Alfred Grima qajjem il-punt li l-kunsill għandu jkun responsabbli meta il-mirja ma jibqawx fil-pożizzjoni f'posthom u trid jsir distinzjoni bejn rikjesti mill-privat u dawk bżonjuzi. Kien hemm qbil li jsir rikjesti lil TM.

5.4.2 **Aġġornament Gnien Joseph P.Galea**

Is-segretarju Marico Sammut ta' aġġornament fuq -xogħol tal -proġett ta' dak kollu li hu għaddej bħalissa u li saret estensjoni sal-aħħar ta Novembru mad-dipartiment u il-kuntrattur intalab ukoll biex jestendi l-garanzija u rapport ġdid x'jonqos bħal xogħlijiet . Is-segretarju semma wkoll li hemm il-proċess ta' diversi approvażżjonijiet wara li jitlesta il proġett biex il-ġnien jinfetaħ għal pubbliku.

5.4.3 **Christmas Paradise u Qawra Community Christmas Fair.**

Is-Sindku Censu Galea ppreżenta il-proposta t'attività kbira li ħa jsir ħdejn ta Fra Ben propju quddiem is-sit ta Aquarium u organizzaturi ma' talbux biex il-kunsill ma' jagħmilx attivitajiet tiegħu u barra minnek lesti li jtuna spażji biex il-kunsill jipparteċipa b xi mod jew iehor mingħajr ebda spejjez. Saret diskussjoni dwar attivitajiet li jistaw jsiru u diversi suġġerimenti, kien hemm qbil dwar il *Christamas Parade* u il-villaġġ tal-Milied ma jsirx u jieħdu sehem il-baned tal lokal b'slitta u bħal ma ġew organizzati fil-passat , Il-kunsilliera Anne Fenech issuġġeriet li jsiru karattri madwar toroq u il-kunsill b'hekk jkun organiżża xi ħaġa għat -tfal fil-lokal. Clivion issuġġerixxa li jsir xi ħaga minn-naħa tal-kunsill għal persuni b'problemi ta' mobilita

5.4.4 **MOU -Public WorksDepartment -Civic Centre**

Is-sindku Censu Galea spjega li il-kunsill kien għamel ftehim ma 'dipartiment ta xogħlijiet li huwa MOU *Public Works* u ser jkunu qed jipprovdu il-periti u il-pjanti li kien iffirmata 18 ta' Diċembru 2023.Fil-27 ta' Marzu il-kunsill ħa deċiżjoni oħra li tgħid naraw x inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi u qabdu d*esign and build* u wieħed jiddeċiedi minn hemm il-quddiem. Il-kunsillier Is Sindku Censu Galea irrefera għal minuta li nkitbet 11ta' Marzu 2024 dwar il-ftiehem ta devoluzzjoni dwar art f'triq San Gorg li ha tgħaddi f'idejn il kunsill. Wara li saret diskussjoni ġie deċiż jitkompla mill -MOU mal PWD .

5.4.5 **Rapport ġdid tal-MCCAA fuq Ġnien Bertu u Tumas Gauci.**

Is-Sindku Censu Galea tkellem dwar rapport ta MCCAA li nibgħat lil kunsill b'data 9 ta Diċembru 2020 li għandu jsir rapport mill-ġdid u jiġu ndirizzati nuqqasijiet.

5.4.6 **CERV *project proposal – Fighting Hate Speech***

Is- Sindku Censu Galea ta 'tagħrif dwar din il-proposta li ħija ndirizzata fuq il-mibegħda lejn il-barranin. Kunsill qabel li għandu jipparteċipa u jsir diskussjonijiet magħhom.

5.4.7 **Co-Operation Agreement - Regional and Branch Libraries**

Kien hemm qbil biex jigi iffirmat il-kuntratt dwar libreriji regjonali.

**5.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport**

Ma kienx hemm

**5.6 Rikjesta *Active Aging Unit***

Is-Segretarju Eżekuttiv Marico Sammut spjega li OPSA talbu li jkun hemm forma ta' kuntratt formali bejn il-kunsill u OPSA, din qeda jsir għal-ewwel darba minħabba li hawn *Active Aging Unit* fil-binja tal-kunsill. Kien hemm qbil fuq il-proposta u tiġi iffirmata.

**5.7 Rikjesta – *Implementation of Seabins***

Is-Sindku Censu Galea qal li jirċievi kommunikazzjoni minn għand persuna dwar il-plastik mormi fil-baħar biex jsiru xi forma ta*'floating bins*. Il-kunsillier Alfred Grima qal li fil-passat diġa kien deċiżjoni tal-kunsill u kienu offrewha ' għaqda żibel ' u għalkemm il-kunsill kien favuriha u il-persuna stess li kien qed jipproponiha qal li ma taħdimx u taf toħloq problemi. Is-Sindku Censu Galea spjega li din kienet proposta ġdida u kien hemm qbil jsiru diskussjonijiet.

**5.8 Reġjun Tramuntana - *Rodent and Pigeon Population Control Initiatives***

Is-Sindku Censu Galea tkellem dwar il-*Legal Notice* maħruġa mill-Reġjun Tramuntana li titratta dwar il-problema tal-ġrieden u il-ħamiem wieħed jrid jara xi jrid jsir u għalhekk kien hemm qbil li nipproċedu mar-Reġjun Tramuntana.

**5.9 Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - Framework Agreement**

Is-Sindku Censu Galea informa il- kunsill wara li sottometejna il-proġetti id- department wieġhbu li ammont kien dak 40 elf ewro u l-ebda kuntrattur ser jitħol għal xoġħol li jkun maqsum f diversi bicciet zgħar. Issa id-dipartiment talab biex nidikawlhom liema huma il-proġetti li huma ta 'urgenża u nuzaw il-fondi ta',erba'mitt elf fuq liema progetti li nixtiequ jsiru. Is-Sindku Censu Galea ssugerixxa li kunsielliera jipprovdu lista ta' bankini.

**Il-kunsillier Anne Fenech ġiet skużuta fi 19.00**

**5.10 Diskussjoni dwar is-saħħa mentali**

l-kunsilliera Sandra Gauci qalet ġiet ikkuntattjat mill-psikjatra Mark Xuereb
Biex nagħtu servizz ta' *monitering* għall-komunitajiet barranin bħala sentinelli fuq saħħa mentali u fejn tidhol għajnuna fuq suwiċidju. Il-kunsilliera Sandra Gauci spjegat li dan huwa P*ilot Project* u jkun hemm kollabrazzjoni biex kunsill jgħin bħal jipprovdi post fejn jsir dawn laqgħa. Il-kunsillier Alfred Grima qabel mal-kunċett imma saħaq li la darba ha jidħol il-kunsill f'dan il-proġett għandu jiġi trenjat persuna Maltija. Sindku Censu Galea qal li wara li semmha preżentazzjoni għandha tkun ppreżentat bil-miktub proposta formali. Il-Kunsillier

Joseph Matthew Attard sahaq li jekk jkun hemm kollaborazzjoni jkun hemm l-istemma tal-kunsill u fuq dan kien hemm qbil.

**5.11 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-kunsilliera.**

Ma kienx hemm sottomissjoni ta' mistoqsijiet

**5.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

Sindku Censu Galea informa lil-kunsilliera dwar *Tenders -Board* li Accountant tal-kunsill jieħu post Romina li ma tridx tkompli bħal membru tal-bord.

5.12.1 RFQ tat-tiżjin tal-Milied

Saret diskussjoni dwar RFQ, il-kunsillier Alfred Grima qal li fuq dan item għandha jsir laġħaq b'urġenza fuq dan item biss u il-kunsill jiddeċiedi jekk ma jridx kollaborazzjoni kif kien saru fil passat u saħaq wkoll li hu favur RFQ imma jridu nimxu ma dak li jkun jkun deċiż bħal kunsill. Alferd Grima saħaq li fil-passat meta nqabeż il-ħames ta elf fl *RFQ* kienu jkun dejjem b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet u hemm imniżżla fil-minuti. Kien hemm qbil u ttieħdet deċiżjoni li għal din darba jsiru RFQ .

5.12.2 RFQ *for the Provision of Purchasing the Service of a Qualified Volleyball Coach*

Kien hemm qbil li terġa toħroġ RFQ għal volleyball coach.

5.12.3 RFQ *for the Provision of Purchasing of Galvanised Metal Grids including installation*

Kien hemm diskussjoni dwar il-kaptelli u li jsiru ta kullħadd u fejn jkun hemm bżonn.

5.12.4 RFQ *for the Provision of purchasing of office supplies including delivery*

Il-kunsill qabel li jsiru RFQ wkoll ġħal *office supply*

**5.13 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Il-kunsilleri Alfred Grima ġibed attenzjoni fuq il-pagament 102601 ta xahar Awissu tal-*bulky* li fih hemm diskrepanza kbira mill-kontijiet ta xhur ta' qabel li kunsill jħallas servizz tal-*bulky* . Kien hemm qbil li pagament jsir filwaqt li jiġi verifikat jekk kienx hemm il -pagament ta' Lulju miżjud miegħu u tingħata risposta fil-lagħqa li jmiss. Ippropona Daryl Connor u sekondat Sandra Smart Costantino -

**5.14 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-20.00 u aġġornat għat-Ħamis 24 t'Ottubru fil 17.30

<u>IFFIRMATI</u>

Ċensu Galea
Sindku

<u>IFFIRMATI</u>

Sergio Carbonaro
Aġent Deputat Seg. Eżekuttiv